**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Jannar, 2016**

Talba Numru: 131/2013JB

Kawza Numru: 45

**Joseph Bonello**

***vs***

**Marcus Tonna**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar is-7 ta' Marzu 2013 li permezz tieghu, l-Attur talab dan li gej:

> Dan it-Tribunal qieghed jigi mitlub jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attur is-somma ta' tlett elef u erba' mitt euro, u tnejn u tletin centezmu (€3,400.32), inkluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, dovuti mill-Konvenut lill-Attur, u rapprezentanti din is-somma prezz ghal xoghol maghmul, servizzi rezi u *parts* suppliti lill-istess Konvenut, skont il-fattura datata 24 ta' Lulju 2012.

Talab ukoll l-ispejjez u l-imghax mid-data li tali ammont sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-15 ta' April 2013;

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat, attenda ghas-seduta, tal-15 ta' April 2013 u talab li jikkontesta l-kawza;

Ra r-risposta tal-Konvenut, prezentata nhar l-24 ta' April 2013, li permezz taghha laqa' ghall-azzjoni attrici kif gej:

> L-esponenti umilment jeccepixxi s-segwenti:
> 1. illi l-attur kien introduca ruhu mal-esponenti bhala persuna awtorizzata mis-socjeta' Cummins sabiex jirrendi servizz fuq muturi tal-istess ditta.
> 2. illi l-esponenti kellu problema bid-dghajsa tieghu ossija l-'motor boat' tad-ditta Riva fis-sens illi wiehed mill-muturi taghha ma kienx qed jopera kif suppost peress illi l-'meter' tal-rpm kienet tieqaf dejjem fuq 2000 waqt li l-mutur l-iehor jitla' regolarment sa 2800.

3. illi l-attur qal lill-esponenti li kien f'posizzjoni li jsolvilu din il-problema anke in vista tal-esperjenza tieghu f'dan il-qasam.
4. illi minkejja dan meta, fil-presenza tal-istess attur, l-esponenti mar sabiex isuq id-dghajsa meta din suppost kienet giet imsewwija mill-istess attur, irrizulta li ma kienet saret l-ebda tiswija effettiva ghaliex il-problema kienet ghadha hemmhekk u l-meter tal-mutur surreferit baqa' jindika 2000 filwaqt li l-iehor kien jahdem regolarment.
5. illi l-attur ammetta dan u sahansitra issuggerixxa li l-esponenti jqabbad terzi persuni, senjatament 'mechanic' sabiex ikun jista' jsewwi id-dghajsa tieghu.
6. illi sussegwenetement irrizulta li l-attur mhux veru li kien persuna awtorizzata mill-Cummins sabiex iwettaq xoghol fuq muturi tal-istess ditta.
7. illi l-attur effettivament ma wettaq l-ebda xoghol ta' siwi fuq id-dghajsa surreferita tant illi d-difett originali baqa' hemmhekk u ma ssewwiex u, minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub huwa eccessiv.
8. illi ghaldaqstant m'hemm l-ebda servizz rezi jew parts suppliti li ghalihom ghandu jigi mhallas l-attur in vista ta' dak li jinghad hawn fuq b'rizerva ghad-drittijiet kollha tal-esponenti u bl-ispejjez.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra d-digriet tieghu tad-9 ta' Ottubru 2015 fejn cahad talba tal-Attur ghar-rikuza tal-gudikatur sedenti u ordna l-prosegwiment tal-kawza;

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet prezentati mill-kontendenti;

Ra li l-kawza thalliet ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra;

Illi permezz tal-odjerna kawza, l-Attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' €3,400.32, liema ammont jinkludi t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, rapprezentanti prezz ghal xoghol maghmul, servizzi rezi u *parts* suppliti lill-istess Konvenut in konnessjoni ma' dghajsa. Da parti tieghu, il-Konvenut qieghed *inter alia* jghid li l-Attur ma wettaq l-ebda xoghol ta' siwi fuq id-dghajsa u minghajr preguidizzju ghal dan, l-ammont mitlub huwa eccessiv.

Illi mill-assjem tal-provi rrizulta dan li gej:

L-Attur xehed bil-mezz tal-affidavit (a fol 13) u stqarr li hu professjonist fuq il-pompi u l-*injectors* u li ilu jaghmel dan ix-xogħol għal snin twal bid-ditta "Superior Diesel Services" li hija magħrufa fil-qasam u għandha reputazzjoni għolja ferm. Jghid li dan il-qasam huwa wieħed tekniku ħafna u li hu awtorizzat minn ditti maghrufa barranin inkluz minn Cummins. Jghid li din id-ditta sponsorjatlu l-apparat li juza fil-*workshop* li għandu x'jaqsam mal-manutenzjoni ta' pompi u *injectors* tal-marka Cummins. Fir-rigward tad-dghajsa tal-Konvenut bl-isem "Simply Brilliant", jghid li kellu x'jaqsam mal-magna *starboard* biss fil-waqt li dik *port* ma messhiex. Jghid li f'Lulju 2012 gie mitlub jispezzjona l-magna minn Edward Caruana Soler f'isem il-Konvenut. Jghid li kellu jitlaq ix-xoghol biex jaqdi lill-Konvenut, li ried imur il-Kroazja bl-istess dgħajsa. Jghid li hekk kif wasal fejn id-dghajsa minnufih innota numru ta' problemi. Jghid li lill-Konvenut qallu li minbarra s-*servicing* tal-pompa u tal-injectors, kien jeħtieġlu jagħmel xogħol ieħor ta' riparazzjoni li ma setax jagħmlu l-Attur, għad li jghid li seta' jgħinu billi jaghtih konsulenza. Jghid li llum il-ġurnata, bl-esperjenza li ghandu, jintebaħ bil-problemi ta' magna wara ftit sekondi bla ma lanqas inkun għadu eżaminaha bir-reqqa. Jghid li ma kienx tal-parir li l-Konvenut imur il-Kroazja

bl-istess dgħajsa bil-problemi li kellu. Jghid li Tonna qallu li l-magna kienet ittieħdet Sqallija xi sentejn qabel biex isirulha tiswijiet sostanzjali u spjegalu li kif din reġgħet ġiet impoġġija f'postha, baqgħet tirrevja fuq 1900rpm flok 2500rpm. Jghid li l-Konvenut qallu li dawn it-tiswijiet swewh €38,000. Jghid ukoll li qabel ma intervjena, il-mekkanik ta' Tonna (certu Alex), kien ġab rappreżentant tal-Cummins li għamel xi xogħol izda meta l-Konvenut mar il-Bajja ta' San Ġorġ bid-dgħajsa innota illi l-magna kienet qegħdha ddaħħan ħafna sal-punt li lanqas seta' jogħqod viċin dgħajjes oħra minhabba d-duħħan. Qal li Tonna qallu li dak in-nhar, il-magna ma tellghatx iżjed minn 1500rpm. Spjega illi għamel *overhaul* tal-injectors u tal-pompa (*diesel injection pump*) u d-dgħajsa kienet lesta għal *sea trial*. Ipprezenta wkoll rapport tax-xoghol li ghamel (a fol 18). Jghid li waqt is-*sea trial,* li għalih kien hemm preżenti l-Konvenut u Edward Caruana Soler, il-magna in kwistjoni tellghet *revs* kemm suppost u dan bla ma daħħnet. Jghid li waqt is-*sea trial*, innota diversi problemi oħra. Per eżempju, fit-tragitt lura, innutaw li l-ilma beda ħiereġ mit-tapp tar-*radiator*, u kien kontaminat biż-żejt; jghid li dan kien dovut ghall-fatt li jew l-*oil cooler* jew wieħed mis-*cylinder head gaskets* kienu difettużi. Fil-fatt kellu aktar żejt milli ilma. Jghid li nnota wkoll illi l-magna fuq in-naħa *port* kellha ħafna anqas *boost* mill-magna *starboard* – fatt li skond hu jindika b'mod ċar illi l-magna kellha problemi ħafna akbar mill-pompa u l-*injectors*. Jghid li rrizultalu li l-*istarboard* kellha boost aħjar u li dan ifisser li l-magna li spezzjona u sewwa kellha *load* akbar fuqha, u għalhekk tbati iżjed. Jispjega li biex sar jaf dan, uża *boost pressure gauges* li bħalhom il-Konvenut m'għandux. Jghid li minkejja li l-magna li kien qiegħed jaħdem fuqha tellgħet 2500rpm kif suppost ma kienx ifisser li kollox kien tajjeb u proprju għalhekk baqa' jitolbu sabiex isewwi dawn id-difetti l-oħrajn sabiex il-magna taħdem tajjeb, kemm fir-rigward taż-żejt kif ukoll minħabba dan l-iżbilanċ fil-*boost.* Jghid li dan ix-xoghol ma jagħmlux, però jagħti konsulenza dwaru u għalhekk idderigih lill-mekkanik tiegħu. Jghid li waqt is-*sea trial,* il-Konvenut insista, tal-anqas għal ħames darbiet li jħallsu tax-xogħol (u ċioè tax-xogħol mertu ta' din il-kawża). Jghid li dan id-diskors sar quddiem Edward Caruana Soler u l-impjegati tal-Attur. Jghid li peress li kien għad fadal xi xogħol xi jsir, lill-Konvenut qallu li l-kont sħiħ joħroġulu fl-aħħar. Dan b'assunzjoni illi x-xogħol kien se jibqa' jipprogressa b'mod normali kif jiġri is-soltu. Jghid li l-intendiment mal-Konvenut kien li l-Konvenut ikellem lill-mekkanik, Alex dwar il-problema taż-żejt u l-ilma. Jghid li wara dan, hu cempel lill-Konvenut "*tal-anqas 23 darba, anke għaliex jien kont ħadt interess fil-kwistjoni. Fl-aħħar irnexxielna nirranġaw laqgħa fuq l-istess dgħajsa fejn fiha kien hemm il-mekkanik Alex. Alex insista li jagħmel* sea trial *oħra, iżda jien irrifjutajt li nkun parteċipi tagħha u dan minħabba dawk id-difetti serji li kont diġà investigajt u spjegajt. Jiena għedt lill-mekkanik illi jekk hi l-*gasket *tas-*cylinder head, *jista' jidħol ilma fuq il-*piston *u jiggrava id-difett billi jitgħawġu xi* connecting rods. *It-talba tiegħi li tiġi msewwija l-problema taż-żejt u l-ilma qatt ma mmaterjalizzat; dan għamilha impossibbli li jien inkompli xogħli anke sabiex ninvestiga problemi ulterjuri"*. Jghid li rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni ma kellux għażla ħlief li joħroġ *invoice* għax-xogħol li kien lahaq ghamel (a fol 26) fl-ammont ta' €3400.32. Jgħid li l-Konvenut qatt ma ta raġuni 'l għaliex ma riedx iħallas. Jghid li s-servizz tekniku dettaljat li ta u l-*parts* suppliti huma ċari u spjegati fl-*invoice* u kif ukoll fir-rapport li kien ta lill-Konvenut u jzid jghid li l-prezz huwa wieħed ġust ħafna speċjalment meta wieħed iqis li sentejn qabel, kien għadu kemm ħallas €38,000 fuq l-istess magna, meta l-*invoice* tiegħu kienet għaxar darbiet inqas minn dak il-prezz. Jgħid illi l-Konvenut mhux talli ma kkontestax il-kont talli ħeġġu biex iġiblu xi *ancillary parts* oħra li sal-lum għadhom għandu;

In kontro-ezami (a fol 35) l-Attur spjega kif inhu awtorizzat minn Cummins. Jghid li hu ha tahrig. Jghid li hu l-unika persuna f'Malta li ghandu certu ingenji minghand Cummins u li gew sponsorizzati mill-istess ditta. Jispjega li hu jahdem b'mod specjali billi johrog mill-laboratorju tieghu u jmur *on site*. Jghid li mghandux xi ittra ta' awtorizazzjoni minghand

Cummins u jzid jghid li din mghandux bzonnha gjaladarba ha t-tahrig. Jghid li hu qal lill-Konvenut biex ma jsifirx bid-dghajsa u qallu biex igib mekkanik halli jsewwi l-hsara. Jghid li hu avza' lill-Konvenut li kien se jkollu certu spejjez u dan qallu li ma jibzax mill-ispejjez;

Meta rega' xehed in kontro-ezami (a fol 40) l-Attur ipprezenta ghadd ta' certifikati u dokumenti. Mistoqsi jekk ghandux jaghmel xi "*update courses*", ix-xhud wiegeb li mghandux ghalfejn. Jghid li f'suq zghir bhal ta' Malta wiehed ma jistax jispecjalizza biss fuq ditta wahda. Mistoqsi kemm hadlu hin dan ix-xoghol, l-Attur jghid li mar mal-erba' darbiet *on site*, il-lavranti tieghu Michael Mifsud u Jonathan Miceli ghamlu jumejn u nofs xoghol. Jghid li l-kont inhadem a bazi ta' *job cards* minn fejn jirrizulta l-hin. Jghid li jekk isib dawn il-*job cards* jista' jesebihom;

Edward Caruana Soler xehed (a fol 27) li hu dejjem jinqeda bis-servizzi tal-Attur ghax jafdah. Hu rrakomandah mal-Konvenut. Jghid li kellu problema ta' duhhan li ssolviet meta intervjena Bonello. Jghid li meta intervjena Bonello, il-magna tad-dghajsa bdiet ittella' r-revs kif suppost u Tonna ried ihallsu izda l-Attur ried li l-ewwel jaghmel xi xoghol il-mekkanik Alexander Trevisan imbaghad johrog kont;

Jonathan Miceli xehed bil-mezz tal-affidavit (a fol 30) u stqarr li hu impjegat mal-Attur. Jghid li huma jirċievu apparat mingħand Cummins sabiex jaghmlu xogħol fuq pompi u *injectors* tad-ditta. Jghid li wara li l-Attur mar jispezzjona d-dghajsa tal-Konvenut, hu flimkien ma' Michael Mifsud, marru jaqilgħu l-pompa u l-*injectors* imbaghad l-Attur għamillhom *service* u nbidlu xi *parts.* Wara, x-xhud u Mifsud marru jwaħħlu dawn il- *parts.* Jispjega x'gara matul is-*sea trial* u jghid li l-Konvenut offra li jhallas lill-Attur "*izda l-imgħallem insista sabiex jirranġaw wara.*" Jispjega illi mhux xogħlhom li nsewwu difett relatat mal-heat exchanger madankollu għamlu l-*fault finding*. Jghid li l-Attur talab lill-Konvenut sabiex jieħu ħsieb din il-problema.

Michael Mifsud xehed bil-mezz tal-affidavit (a fol 31) u stqarr li anke hu impjegat mal-Attur u kkonferma dak li stqarr Miceli. Jgħid li waqt is-*sea trial,* malli telgħet it-temperatura tal-magna, innutaw illi kien hemm iż-żejt mal-ilma ħiereġ mit-tapp tal-*heat exchanger* u l-attur ġibed l-attenzjoni tal-Konvenut.

Il-Konvenut xehed (a fol 75) li hu sar jaf lill-Attur wara li ntroducih impjegat tieghu meta kellu problema bid-dghajsa tieghu. Dan kien ukoll ghamel l-appuntament mal-Attur illi kien gie fuq il-*pontoon* fejn kienet id-dghajsa billi wahda miz-zewg magni tad-dghajsa ma kinetx qed tahdem kif suppost. Jghid illi l-*performance* tal-magna kienet iktar baxxa milli suppost. Jghid li hu staqsa lill-Attur jekk setax jirranga l-magna, u l-Attur qallu "*m'hemmx problema, dan huwa xoghli*." Hu informah li kien ilu jahdem fuq dawn il-magni ghal hafna snin. Jghid li l-Attur ikkonfermalu li hu awtorizzat minn Cummins biex jahdem fuq dawn il-magni. Jghid li hu xtaq isiefer bid-dghajsa ghal btala l-Kroazja u ghalhekk ried li l-magna tkun f' pozizzjoni li twasslu ghall-btala u l-Konvenut qallu li ma kienetx ser tkun problema u beda jahdem fuq il-magna. Jghid li l-Attur qallu li l-problema kienet fl-*injectors* u l-pompa tad-diesel. Beda jaqla' u jzarma u jwahhal affarijiet. Jghid li l-Attur kien anke qala' l-pompa. Jghid li beda jahdem it-Tnejn, it-Tlieta qala' l-*injectors* u hadhom mieghu, L-Erbgha qala' l-pompa u l-Hamis wahhal kollox. L-ghada l-Gimgha, il-Konvenut kellu jsiefer. Jghid li l-Hamis fil-ghaxija sar is-*sea trial* fejn irrizulta li kollox kien l-istess u l-unika haga differenti kienet li din ma kinetx qieghda ddahhan. Jghid li l-Attur qallu li jista' jsiefer: "*isma' tista' tmur lejn Croatia pero` taghfashiex; (ghal magna) mintix ser taghmel hsara, tista' titlaq pero` taghfashiex.*" Jghid li madankollu hu kien kellem lill-mara u kkancellaw il-gita. Jghid

li hareg xi darbtejn bid-dghajsa u darba minnhom waqt li kien tiela bil-mod lejn Ghawdex, cempillu l-Attur u sabu rrabjat. Jghid li l-Attur offrielu li jaghmel xoghol biex jitranga s-sitwazzjoni bil-mekkanik tal-Konvenut. L-Attur ried li l-Konvenut igib il-mekkanik tieghu u imbaghad l-Attur jahdem mieghu. Jghid li fil-fatt l-Attur u l-mekkanik kienu tkellmu u ddiskutew il-problemi li kien hemm, u mbaghad meta telaq l-Attur, il-mekkanik dar fuq il-Konvenut u qallu li mghandux bzonn lill-Attur biex jghidlu x' ghandu jaghmel fuq din il-magna. Jghid li hu kien dahhal lill-Attur biex jirrangalu l-problema u mhux biex jaghtih konsulenza u fil-fatt dan kien qallu li hu seta' jirranga l-problema, barra li kien awtorizzat biex jaghmel dawn it-tip ta' riparazzjonijiet. Jghid li kellem lil Cummins u dawn ikkonfermawlu li ma kellhomx kuntatt mal-Attur. Ipprezenta wkoll xi dokumenti fir-rigward. Jichad li hu offra li jhallas lill-Attur u jichad dak li qalu Michael Mifsud, Jonathan Miceli, Edward Caruana Soler u l-istess Attur.

In kontro-ezami (a fol 113) il-Konvenut jghid li ma jafx kemm dam l-Attur sabiex imur jispezzjona x-xoghol u dan ghaliex kien hemm terz bejniethom izda kkonferma li kien mghaggel ghax ried isalpa lejn il-Kroazja. Il-Konvenut ikkonferma li hu kien ha d-dghajsa ghat-tiswija gewwa Sqallija madwar sentejn qabel u l-ispiza kienet ta' circa €38,000. Jghid li f'dik l-okkazjoni kienet saret *general overhaul* tal-magna. Mistoqsi jekk wara li sar dan il-*general overhaul* il-magna trangatx jew le jghid li kien ghad fadal xi problemi, precizament problema wahda li kienet relatata mal-*performance* fis-sens illi l-magna ma kinitx qed taghti l-*maximum* li kien qieghed jistenna. Jghid li wara sentejn gie f'kuntatt mal-Attur li pprezenta ruhu bhala *Cummins authorised service workshop* u qallu li kien kapaci jirranga l-problema. Jghid li hu staqsa lill-Attur car u tond jekk kienx kapaci jsewwi l-problema u dan wiegbu li hu kapaci u kkonferma wkoll li kien awtorizzat mid-ditta *Cummins*. Jichad li r-revs bdew telghin wara li intervjena Bonello u mistqosi jekk id-daghjsa baqghetx iddahhan jew le jghid li l-*performance* tal-magna baqghet l-istess. Dwar id-duhhan jghid li dan naqas ftit ghad li ma spiccax ghal kollox. Il-*performace* baqghet kif kienet. Jghid li dak li xehed Caruana Soler mhuwiex minnu. Mistoqsi jekk jiftakarx li Joseph Bonello kien osserva li kien hemm problema fis-sens li kien hemm tahlit ta' ilma maz-zejt fil-magna, ikkonferma li dan huwa minnu. Mistoqsi jekk jiftakarx jekk kienx issugerilu jkellem *mechanic* jghid li l-Attur kien qallu hafna affarijiet u jikkonferma li kien kellem diversi *mechanics* li kollha kienu qalu li ma jridux li jkollhom x'jaqsmu ma l-Attur. Il-*mechanic* li kien abbord flimkien mal-Attur stess kien Alexander Trevisan. Ma riedx isemmi *mechanics* ohra. Mistoqsi jekk jiena jiftakarx li l-Attur kien ghamilielu cara li biex il-problema tigi rizolta minbarra hu, li kien espert fil-pompi u fil-*fuel injectors*, kien hemm ukoll il-htiega ta' *mechanic* jghid li dan huwa minnu madankollu wara li s-Sur Bonello intervjena fuq il-magna, il-Konvenut jghid li rreveda x-xoghol li kien ghamel hu, xoghol biss fis-sens li ma biddilx *parts*, u l-magna giet tahdem sew wara li l-problema giet lokalizzata. Dan il-*mechanic* li kien intervjena wara s-Sur Bonello kien intbaghat minn *Cummins* Ruma u kien gie Malta apposta ghalhekk madwar sena u nofs sentejn wara li hadem Bonello. Mistoqsi jekk is-Sur Bonello ssuplixxiex *parts* jew le, jghid li sa fejn jaf hu s-Sur Bonello ma ssuplixxa xejn. Jghid illi li kull ma kien ghamel is-Sur Bonello kien li qala' l-*fuel injectors* minn fuq id-daghjsa hadhom biex jissetjhom fil-laboratorju tieghu, gie lura u qedhom fuq id-daghjsa, hargu dawra bid-daghjsa, u l-problema baqghet hemmhekk u qallu "*tinkwetax mur il-Kroazja, ejja lura u meta tigi lura inkomplu bit-tiswija*". Jghid li l-*fuel injectors* hadhom f'gurnata u irritornahom l-ghada. Jghid li l-inginier Taljan zamm in-nofs dak li qed jippretendi s-Sur Bonello ghax-xoghol li huwa ghamel bid-differenza li wara li intervjena l-Inginier Taljan kellu rizultat pozittiv.

In riezami, Tonna jghid li Caruana Soler kien jahdem mieghu *part-time* xi siegha ‘l hemm u ‘l hawn fin-negozju tieghu ta’ *bunkering*. Jghid li meta xehed f’dawn il-proceduri kien ilu madwar sena u nofs ma jkellmu, jghid li mghadux ikellmu ghax m’ghandux bzonn *fill-ins*.

Sussegwentement, il-Konvenut ipprezenta kopja ta’ fattura mahruga mid-ditta Luigi Ambrogetti tal-Italja (a fol 119).

Saviour Coppini xehed (a fol 97) li hu kien jahdem bhala konsulent fuq makkinarju u kien direttur ta’ International Machinery Limited li kienet tirrapprezenta lil Cummins bhala distributur u kienu anke jaghmlu t-tiswijiet ta’ dawn il-magni, ghad li kulhadd kien liberu isewwi fejn irid. Jghid li jaf lill-partijiet. Jghid li l-Attur isewwi *fuel injection pumps* li jsejjhila “*l-qalba tal-magna, l-aktar haga importanti tal-magna*”. Jghid li xi erbghin sena ilu kien sar diskors bejnu u bejn Bonello bil-ghan li jahdmu flimkien. Dan in-negozju ma sehhx. Jghid li kulhadd jista’ facilment imur jitharreg ghand Cummins u imbaghad ikun awtorizzat. Jghid illi hu qatt ma baghat lil hadd biex jitharreg ghad li jaf nies li marru jitharrgu. Jghid li Cummins ghandha programm ta’ tahrig strutturat u mhux bizzejjed li wiehed jitharreg imma jrid jibqa’ jaggorna ruhu. Jghid li ma jafx jekk Cummins sponsorjawx makkinarju lil Bonello ghad li jghid li Cummins “*mhux maghrufin li jaghtu affarijiet b’xejn*”. In kontro-ezami Coppini xehed dwar in-negozjati li kienu saru biex forsi jahdmu flimkien u ma mmaterjalizzawx u dwar dokumenti li gew prodotti.

Ikkunsidra;

Illi minn ezami tal-provi, jidher li mhuwiex kontestat li l-Attur wettaq appalt fuq dghajsa tal-Konvenut. Il-kontestazzjoni qieghdha fejn imiss mal-utilita tax-xoghol u l-*quantum*. Jidher li fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda akkordju bejn il-kontendenti dwar ir-rimunerazzjoni li kellha tithallas lill-Attur u l-kundizzjonijiet l-ohra li jirrigwardaw l-esekuzzjoni tal-appalt.

Illi ghad li ma kien hemm xejn bil-miktub, huwa car li r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet dik ta’ appalt. Il-ligi taghna hija kemmxejn karenti dwar dan l-istitut tant li l-appalt huwa trattat bhala sezzjoni minn sub-titolu dwar il-ligi tal-kera fil-Kodici Civili (Kap. 16). Minkejja dan, il-gurisprudenza taghna hija fonti ghal hafna taghlim u dan it-Tribunal iqis li sabiex ikun jista’ jiddeciedi l-odjerna vertenza, tenut kont tal-azzjoni u d-difizi sollevati, ghandu jaghti harsa lejn il-gurisprudenza inmaterja. Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tas-6 ta’ Ottubru 2004 fl-ismijiet “Pierre Darmanin *vs* Moira Agius *et*” elenkat sitt kunsiderazzjonijiet ta’ dritt in materja ta’ appalt, u dan b’riferiment specifiku ghal gurisprudenza nostrana:

I. Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b’mod li l-quddiem juri difetti. “*L’imprenditore ha l’obbligo di eseguire bene l’opera commessagli, secondo i dettami dell’arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*” (Koll. XXVII.i.373). Dan fis-sens li hu “*ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu*” (Koll. XL.i.485);

II. “*L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta’ l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina*” (Koll. XXXVII.iii.883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll “*f’kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem*”

(Mario Blackman *vs* Carmelo Farrugia *et noe*", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972);

III. Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Koll. XLI.i.667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-*ispecifications* jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "*E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte*" (Koll. XXV.i.727). Kif ahjar imfisser u spjegat, "*l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent*" (Koll. XLII.ii.1003);

IV. Huwa pacifiku wkoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (Koll. XLI.ii.892);

V. Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti… l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "*Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' lobbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt*" (Koll. XXXVIII.i.292);

VI. Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)).

Illi fil-kaz odjern hawn diversi aspetti li tqanqlu u li jehtieg li jigu mgharbla. Certament li gie ppruvat li l-Attur ippresta servizzi lill-Konvenut. Dawn is-servizzi kienu jikkonsistu f'tiswijiet u saret anke *sea trial*. L-Attur jghid li waqt dan is-*sea trial* il-Konvenut esprima ruhu sodisfatt ghad li hargu problemi ohra li kienu jinhtiegu aktar tiswijiet. Il-Konvenut mhuwiex daqstant konkordi u jghid li ma kienx sodisfatt peress li l-problema ma gietx kompletament rizolta.

Minkejja l-provi kollha li ngiebu, it-Tribunal mhuwiex konvint la min-naha u lanqas minn ohra u se jghid ghalfejn. L-Attur jiddeskrivi lilu nnifsu bhala professjonista fuq il-pompi u l-*injectors*. Jghid li d-ditta tieghu bl-isem "Superior Diesel Services" hija magħrufa fil-qasam u għandha reputazzjoni għolja ferm. Jghid li dan il-qasam huwa wieħed tekniku ħafna u li hu awtorizzat minn ditti maghrufa barranin inkluz minn Cummins. Jghid li din id-ditta sponsorjatlu l-apparat li juza fil-*workshop* li għandu x'jaqsam mal-manutenzjoni ta' pompi u *injectors* tal-marka Cummins. Jghid li llum il-ġurnata, bl-esperjenza li ghandu, jintebaħ bil-problemi ta' magna wara ftit sekondi bla ma lanqas inkun għadu eżaminaha bir-reqqa. Bir-rispett kollu, deskrizzjonijiet bhal dawn, privi minn kull sens ta' modestja, iqanqlu dubji. Kull kumment iehor ikun zejjed. Min-naha 'l ohra, l-istampa li qieghed jaghti l-Konvenut tal-Attur lanqas mhi attendibbli. Dan qieghed jghid li l-Attur kien qallu hafna affarijiet u jallega li kellem diversi *mechanics* li kollha kienu qalulu li ma jridux li jkollhom x'jaqsmu ma l-Attur. Il-verita certament li qieghdha xi mkien bejn dawn iz-zewg verzjonijiet kuntrastanti;

L-Attur ipprezenta wkoll ghadd ta' dokumenti u kopji ta' certifikati dwar tahrig li jghid li ha fuq magni Cummins. Irid madankollu jigi osservat li dawn ic-certifikati kollha ilhom snin li inhargu u ghad li jidher li l-Attur fittex li jitghallem u jistruwixxi lilu nnifsu matul is-snin, ma jistax jinghad li b'xi mod dawn ic-certifikati jikkostitwixxu xi prova straordinarja dwar il-kompetenza tieghu. Fil-waqt li hu car li l-Attur ha tahrig, certament li huwa mistenni li min irid jahdem fuq apparat specjalizzat ghandu jkollu l-kompetenza mehtiega. Mill-*curriculum vitae* tas-Sur Bonello (a fol 67) jidher li dan temm l-istudji sekondarji tieghu fl-1972 u attenda korsijiet generalment organizzati minn manifatturi maghrufa bejn l-1974 u l-1995. Sena wara ha wkoll kors fl-uzu tal-*computer*. L-argument sollevat fin-nota finali tal-Attur (a fol 121) li l-pompa tad-dghajsa tal-Konvenut hija antika u tipprecedi l-ahhar kors li ha minghand Cummins mhuwiex attendibbli. Certament li min jipprezenta ruhu sabiex jespleta appalt ghandu jkollu l-hiliet necessarji;

It-Tribunal irid ukoll, qabel ma jqis provi ohra, jaghmel accenn fuq il-fatt li l-Attur qieghed jinsisti fuq il-punt li l-Konvenut nefaq €38,000 f'tiswijiet gewwa Sqallija u li dak li qed jitlob l-Attur fil-kawza odjerna mhu xejn ghajr frazzjoni ta' tali somma. Bir-rispett kollu, nefaq kemm nefaq il-Konvenut drabi ohra mhu tal-ebda rilevanza. Kull xoghol ghandu jithallas imma certament li ma jkunx gust jekk il-hlas ikun relattiv ghal kemm min qed ihallas jiflah ihallas. Ghalhekk dak li qed jippretendi l-Attur li l-prezz huwa wieħed ġust ħafna speċjalment meta wieħed iqis li sentejn qabel, il-Konvenut kien għadu kemm ħallas €38,000 fuq l-istess magna, meta l-*invoice* tiegħu kienet għaxar darbiet inqas minn dak il-prezz mhuwiex ankrat la fil-ligi u lanqas fir-raguni. Daqstant iehor huwa gratuwitu l-kumment tal-Attur fin-nota finali tieghu (a fol 121) fil-konfront tal-Konvenut u cjoe li dan hu persuna li "*jsalpa b'dghajjes jiswew il-mijiet tal-eluf, imbaghad jara kif jaghmel biex jevita pagamenti ta' relattivament ftit flus*." Bir-rispett kollu, il-valur tal-bcejjec tal-bahar tal-klijenti, mghandhomx ikunu kunsiderazzjoni ghal min hu mitfugh fuq ix-xoghol u diligenti f'xogholu. Asserzjonijiet bhal dawn jistghu jwasslu ghall-konkluzjoni li l-kont tal-Attur jista' jkun kemmxejn ikkargat;

Lanqas ma jista' japprezza t-Tribunal kif inghata skont, li fl-ispekkjett a fol 25 li taghmel riferenza ghaz-zewg fatturi a fol 23 u 24 qed jissejjah "*Agreed Discount*" meta ma jidhirx li kien hemm ftehim u fi kwalunkwe kaz mhuwiex verosimili li wiehed jiftiehem ghal skont ta' €301.32 (bic-centezmi b'kollox). Ta' min jinnota l-kumbinazzjoni li dan l-iskont huwa ekwivalenti ghat-taxxa fuq il-valur mizjud dovuta fuq il-fattura a fol 23. Dawn l-affarijiet iqanqlu dubji dwar is-serjeta u l-integrita ta' min jaghmilhom;

It-Tribunal, bit-tama li jasal ghal soluzzjoni tal-odjerna vertenza, sejjer iqis il-verzjonijiet li stqarrew il-partijiet dwar it-trattattivi li kien hemm bejniethom u se jwarrab il-kunsiderazzjonijiet ta' ftit rilevanza li l-partijiet ressqu f'kuntest sabiex jirredikolaw u joskuraw lil xulxin;

L-Attur jghid li meta ra d-dghajsa ghall-ewwel darba, lill-Konvenut qallu li minbarra s-*servicing* tal-pompa u tal-*injectors*, kien jeħtieġlu jagħmel xogħol ieħor ta' riparazzjoni li ma setax jagħmlu l-Attur, għad li jghid li seta' jgħinu billi jaghtih konsulenza. Aktar 'il quddiem, jghid li waqt is-*sea trial*, innota diversi problemi oħra. Per eżempju, fit-tragitt lura, innutaw li l-ilma beda ħiereġ mit-tapp tar-*radiator*, u kien kontaminat biż-żejt; jghid li dan kien dovut ghall-fatt li jew l-*oil cooler* jew wieħed mis-*cylinder head gaskets* kienu difettużi. Huwa car li dan il-fatt irrizulta mis-*sea trial* u la meta l-Attur spezzjona d-dghajsa u lanqas meta hadem fuqha;

Aspett iehor li ghandu jigi investigat jirrigwarda dak li stqarr l-Attur dwar kif kellu jghin sabiex jigu rizolti l-problemi. Fl-ewwel lok jghid li li l-intendiment mal-Konvenut kien li l-Konvenut ikellem lill-mekkanik, Alexander Trevisan dwar il-problema taż-żejt u l-ilma. Imbaghad jghid li cempel lill-Konvenut tal-anqas 23 darba, għaliex kien ħa interess fil-kwistjoni. Imbaghad jghid li saret laqgha fuq id-dghajsa mal-mekkanik. Izda imbaghad iqum dubju meta jghid li *"Alex insista li jagħmel* sea trial *oħra, iżda jien irrifjutajt li nkun parteċipi tagħha u dan minħabba dawk id-difetti serji li kont diġà investigajt u spjegajt"*. Jidher bic-car li d-dghajsa kienet qed tintuza tant li l-Konvenut jghid li darba minnhom meta cempillu l-Attur kien tiela bid-dghajsa lejn Ghawdex. Ghalhekk, wiehed jonqos li jifhem ghalfejn l-Attur ma riedx li jippartecipa fis-*sea trial* meta kien hu stess li nsista li jitqabbad mekkanik sabiex jindirizza xi problemi li ma kienux ta' jdejh;

Irid jitqies ukoll il-fatt li fil-waqt li l-Attur, sa mill-bidu tax-xhieda tieghu jghid li ma kienx tal-parir li l-Konvenut imur il-Kroazja bid-dgħajsa minhabba l-problemi li kellu, il-Konvenut jghid li qallu l-kuntrarju;

Certament li xi hadd mill-partijiet mhux qed jghid is-sewwa. Issa r-rapport li hejja l-istess Attur u pprezentah mal-affidavit tieghu (a fol 18 u 19), jghid hekk: "*Due to the urgency of the work it was also agreed that further fault finding was necessary and that it was going to be done upon the vessel's return to Malta.*" Isegwi ghalhekkk li r-rapport jikkonstata zewg fatti: l-ewwel li x-xoghol kien urgenti – prezumibilment ghaliex il-Konvenut xtaq isiefer; it-tieni li effettivament il-Konvenut kien se jsiefer. Bir-rispett kollu, bl-istess mod li l-Attur ha l-intrigu li jikteb rapport, kieku tassew ma kienx tal-parir li d-dghajsa tmur sal-Kroazja u lura, dan il-fatt kien jinnotah fir-rapport tieghu jew b'xi mod iehor jikkwalifika r-rapport tieghu. Ghalhekk, ghat-Tribunal, il-verzjoni tal-Attur mhijiex verosimili;

It-Tribunal mhuwiex diehel fuq il-kwistjoni ta' jekk il-Konvenut offriex jew le hlas lill-Attur u dan ghaliex, kif diga gie rilevat, il-gurisprudenza tghallimna li lanqas il-hlas tal-prezz tal-appalt (jew hlas akkont) ma jfisser necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan jirrizulta difettuz. F'dan il-kaz *se mai* kien hemm biss offerta u certament li la l-pagament ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol, lanqas l-offerta ma tfisser tant;

It-Tribunal xtarr il-verzjonijiet kuntrastanti li nghataw u wasal ghall-konkluzjoni li dak li gara bejn il-partijiet kien li l-Konvenut kellu problema fid-dghajsa li xtaq isolvi malajr kemm jista' jkun ghax ried isalpa sal-Kroazja. Caruana Soler introduca lill-Attur li telaq minn idu biex jipprova jaqdih. Intervjena bil-mod li qal u sar is-*sea trial*. Minn hawnhekk irrizulta li l-problemi ma kienux issolvew tant li l-Attur ma ezimiex ruhu u ried li jintervjeni mekkanik. Baqa' jsegwi sal-punt li cempel lill-Konvenut mat-23 darba. Meta ra li l-problema taż-żejt u l-ilma ma ssewwietx iddecieda li johrog il-kont. Il-Konvenut, dizilluz, ghazel li ma jhallasx;

It-Tribunal iqis li fil-vertenza odjerna japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380), liema ligi trid li t-tilwimiet hawn riferuti ghandhom jigi decizi principalment skond l-ekwita. Issa ghad li huwa minnu li l-ekwita ssegwi l-ligi u tissostanzja fejn hu mehtieg, mhuwiex floku li din il-kwistjoni li fi kliem l-Attur fin-nota finali tieghu a fol 121 jghid li tirrigwarda hlas "*ta' relattivament ftit flus*", tkompli titwal inutilment;

It-Tribunal iqis (fid-dawl tal-insenjamenti fuq riportati dwar l-appalt) li l-Attur ma qeghdiex l-obbligi tieghu sal-grad li trid il-ligi. Mill-banda 'l ohra, jqis li ma jkunx floku li tas-servizzi li ppresta ma jithallasx anke ghaliex jidher bic-car li kien hemm provista ta' *spare parts* (li

ma jidhirx li gew ritornati) u fuq kollox ghaliex il-Konvenut kien mghaggel u jrid jigi rikonoxxut li l-Attur intervjena biex jassisti bl-ahjar mod li seta'. Sfortunatament, minkejja li l-Attur xehed li se jipprova jintracca l-*job cards* relattivi, dawn ma gewx prezentanti u kwindi t-Tribunal mhuwiex f'qaghda japprezza l-entita tax-xoghol ghad li jifhem li minn dak li xehed il-Konvenut stess (u sa certu punt anke minn dak li xehdu l-impjegati tieghu) dan sar fuq medda ta' ftit jiem u kien intensiv. It-Tribunal iqis ukoll li nghata skont ta' €301.32;

Fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal sejjer jilqa' dik il-parti tar-risposta fejn gie eccepit li l-ammont mitlub huwa eccessiv u se jghaddi sabiex jittempera l-ammont li ghandu jithallas. Tenut kont tal-fatt li mhemmx *job cards* fil-process u li l-kont tal-*ispare parts* (a fol 24) ma giex kontradett, it-Tribunal, a bazi tal-principju *arbitrio est boni viri*, iqis li hlas ta' elfejn u mitejn mitt euro fic-cirkostanzi jkun gust u ekwu;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jilqa' dik il-parti tar-risposta fejn gie eccepit li l-ammont mitlub huwa eccessiv, jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet u konsegwentement jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elfejn u mitejn euro (€2,200) inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez kollha ghandhom ikunu sopportati zewg terzi mill-Konvenut u terz mill-Attur.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*